FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2001

**Avviz Nru: 766/01 PM**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera "The Performing Right Society" ta' Londra**

**Vs**

**O'Connors (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tmien mija u hmistax-il lira Maltin u hames centezmi (LM815.05) dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta attrici in rigward ghal zewg licenzji Nru. 010953 u Nru. 010954 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perjodu mis-6 ta' Awissu, 2000 sal-5 ta' Awissu, 2001.

Ra d-documenti esebiti. Ra li rapprezentant tas-socjeta' attrici ikkonferma li l-ammont hu dovut.

Ra li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata izda naqset li tipprezenta risposta jew tikkontesta il-kawza.

Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta konvenuta tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**